MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 011/8

IT-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Antoinette Azzopardi - Deputat Segretarju Eżekuttiv

PREŻENTI WKOLL:

Residenti mill-Gudja

AĠENDA

011.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

011.2 Appell PA/10613/18 – 14-16 Triq R. Caruana, il-Gudja
(To demolish existing house and construt basement garages and 8 in number residential use at ground, first, second and third floor levels plus an overlying penthouse unit);

011.3 Tmiem tal-laqgħa.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Sa Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.52pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**011.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

011.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**011.2.0 Appell PA/10613/18 – 14-16 Triq R. Caruana, il-Gudja**
**(To demolish existing house and construt basement garages and 8 in number residential use at ground, first, second and third floor levels plus an overlying penthouse unit);**

011.2.1 Is-Sindku Sa Marija Sara Vella spjegat l-iskop ta' din il-laqgħa.

F'dan l-istadju s-Sur MA Sammut iddikjara li se jirtira mid-diskussjoni minħabba li dan il-każ jista' joħloqlu kunflitt ta' interess peress li hemm involuti familjari.

Is-Sindku qalet li kienet saret laqgħa mal-Perit u l-applikanti dwar din il-materja. Is-Sindku qalet li kien ġie propost illi l-livell nru 3 biċċa minnu jiġi rtirat 'il ġewwa min-naħa tal-UCA (Urban Conversation Area) u jinbeda bil-ġebla tal-franka. Ġie propost ukoll illi l-faċċata tkun mibnija bil-ġebla tal-franka.

Il-Kunsill għandu f'idejh kopja tal-pjanti ta' din il-proposta li jinsabu parti minn dawn il-minuti mmarkati 'Dok A, B u C'.

F'dan l-istadju l-Kunsill stieden lill-applikant u lill-bejjiegħ sabiex jitkellmu.

Is-Sindku pproponiet li jekk jiddaħħlu dawn il-pjanti l-ġodda bl-emendi ta' żvilupp lill-PA, l-appell tal-Kunsill mal-PA jaqa'. Is-Sur JM Calleja ssekonda. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel ma' din il-proposta.

**011.3.0 Tmiem tal-laqgħa**

011.3.1 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-7.02pm.

Konfermati, illum ________________________

PL Marija Sara Vella
Sindku

Antoinette Azzopardi
Deputat Segretarju Eżekuttiv